

V

(Avviżi)

## PROCĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-5 ta' April 2017 – L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea vs Gilbert Szajner, Forge de Laguiole

(Kawża C-598/14 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(4) — Artikolu 65(1) u (2) — Trade mark verbali LAGUIOLE — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq dritt preċedenti, miksub bis-saħħa tad-dritt nazzjonali — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-EUIPO — Rwol tal-qorti tal-Unjoni)

(2017/C 168/04)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea. (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Gilbert Szajner (rappreżentant: A. Sam-Simenot, avukat), Forge de Laguiole (rappreżentant: F. Fajgenbaum, avukat)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 3) Forge de Laguiole SARL għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 96, 23/3/2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-5 ta' April 2017 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Santa Maria Capua Vetere – l-Italja) – proċeduri kriminali kontra Massimo Orsi (C-217/15), Luciano Baldetti (C-350/15)

(Kawża C-217/15 u C-350/15) <sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 2 u 273 — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi sanzjoni amministrattiva u sanzjoni kriminali għall-istess fatti, relatati mal-ommissjoni tal-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 50 — Prinċipju ta' ne bis in idem — Identità tal-persuna mħarrka jew issanzjonata — Assenza)

(2017/C 168/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Santa Maria Capua Vetere